*"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birzebbuga Tel : +356 21650165* *e-mail: birzebbuga.lc@gov.mt*

Motto : **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

*Minuti ta' seduta numru 3 tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali Birzebbuga, li saret fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali nhar it-Hamis 21 ta' Mejju 2015 fis-6:00p.m.*

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Kevin Barun (K.B.)<br>Joseph Cutajar (J.C.)<br>Joseph Baldacchino (J.B.)<br>Leanne Grech (L.G.)<br>Josette Busuttil (J.B.)<br>Herman Reuben Schiavone (H.S.)<br>Stanley Zammit (S.Z.) |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 4

---

**Agenda ghal-laqgha :**

1 Qari u approvazzjoni ta' minuti
2 Arisings mill-Minuti
3 Korrispondenza
4 Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Agent Segretarju Ezekuttiv u mistoqsijiet/ interventi mill-Kunsilliera
5 Aggornament

Is-Sur Kevin Barun flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**3/01** **Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

03/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 2, kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija.

02/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Kevin Barun, issekondata mis-Sur Hermann Schiavone il-minuti gew unanimament approvati

02/03 Is-Sindku u l-Agent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

| | |
|---|---|
| **3/02** | **Arisings mill-Minuti** |
| 03/02/01 | Ma kienx hemm |
| **03/03** | **Korrispondenza** |

03/03/01 Permezz ta' e-mail datat 18 ta' Mejju 2015, is-Sur Lawrence Buhagiar informa lill-Kunsill Lokali illi d-Dipartiment ghall-Izvilupp Rurali kien ircieva xi ilmenti rigward proposta sabiex zwiemel ikunu jistghu jghumu fiz-zona ta' Wied il-Buni biswit il-Birzebbuga Sailing Club.
Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-materja effettivament kienet giet diskussa fis-seduta precedenti tal-Kunsill Lokali u z-zona in-kwistjoni kienet ittiehdet bhala zona prospettiva illi fiha seta jsir ghawn miz-zwiemel. Madanakollu, wara li kienet giet evalwata f'aktar dettall il-proposta kien gie stabbilit illi z-zona in-kwistjoni ma kelliex tigi proposta mill-Kunsill Lokali ghal ghawm taz-zwiemel. Is-Sur Buhagiar kellu jigi infurmat bid-decizjoni tal-Kunsill Lokali.

03/03/02 Permezz ta' e-mail datat 20 ta' Mejju 2015, is-Sur Ian Spiteri talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex ikun jista jaghmel xogho fuq il-bankina biswit proprjeta' tieghu bil-ghan illi ssir rampa quddiem il-garaxx.
Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi s-Sur Spiteri kellu jigi mitlub jipproduci pjanti bid-dettall tax-xoghol li kien qieghed jigi propost.

03/03/03 Permezz ta' ittra datata 14 ta' Mejju 2015, Dun Anton Galea Scannura talab lill-Kunsill lokali sabiex jinhargu l-permessi mehtiega halli jkun jistghu jittellghu erba' attivitajiet f'isem il-parrocca matul ix-xhur ta' Gunju u Lulju 2015.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda diffikulta' sabiex jittellghu l-imsemmija attivitajiet.

03/03/04 Permezz ta' e-mail datat 18 ta' Mejju 2015,is-Sur Charles Scicluna, proprjetarju tal-istabbiliment Edesia, fi Triq il-Bajja s-Sabiha, talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex jaqla bollards li kien hemm biswit l-istabbiliment tieghu.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jitlob lid-Dipartiment tal-Artijiet il-kirjiet ta' art li l-istess dipartiment kien hareg fiz-zona.

03/03/05 Permezz ta' ittra 13 ta' Mejju 2015, is-Sur Henry Bonnici, f'isem is-Socjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birzebbuga talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jinhareg permess sabiex l-imsemmija ghaqda tkun tista' ttella' programm pirotekniku fiz-zona tal-bajja s-sabiha nhar il-Hamis 30 ta' Lulju 2015.
Wara diskussjoni qasira, gie stabbilit illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni kemm il-darba l-parametri stabbiliti fil-ligi jigu osservati u jinghataw dettalji tal-applikant.

03/03/06 Permezz ta' ittra datata 9 ta' Mejju 2015, is-Sur Vince Mc Intyre talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possbilita' illi jinhariglu permess sabiex ikun jista' jaghmel kiosk biswit latrina pubblika. L-applikant zied jghid illi l-kiosk kienet ser tkun ta' natura temporanja u meta' ma tkunx qieghda topera, jigifieri bejn Ottubru u April kienet ser titnehha u offra li jiehu hsieb iz-zamma u manutenzjoni tal-latrina pubblika li kien hemm fil-qrib.
Wara diskussjoni libera, li matulha ssemma' l-fatt illi l-istess individwu kien diga' ghamel talba simili lill-Kunsill Lokali, is-Sur Hermann Schiavone ippropona illi l-

Kunsill Lokali jitlob kopja tal-permessi li kienu inhargu mill-MEPA u d-Dipartiment tal-Artijiet sabiex ikun hemm stampa aktar cara tas-sitwazzjoni. Is-Sur Kevin Barun issekonda l-proposta tas-Sur Schiavone li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti.

03/03/07 Permezz ta' e-mail datat 14 ta' Mejju 2015, id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali hareg memo 11/2015 li kienet tikkoncerna skema ta' restawr ta' postijiet pubblici.
Is-Sur Stanley Zammit semma kif il-Kunsill Lokali kien diga' ibbenefika mill-imsemmija skema u kien hemm xogholijiet ghaddejjin fir-rigward. Huwa zied jghid illi madanakolli fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra illi jissottometti applikazzjoni ohra. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil mal-proposta tas-Sur Zammit.

03/04 **<u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Agent Segretarju Ezekuttiv u mistoqsijiet/ interventi mill-Kunsilliera</u>**

03/04/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi hekk kif mitlub mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, l-amministrazzjoni kienet hadet hsieb tipprepara balance sheet finanzjarja fi tmiem kull xahar. F'dan ir-rigward, tpoggew fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' balance sheets ghax-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu 2015. Is-Sur Hall spjega, kif minkejja l-pozizzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali ma kenitx dik mixtieqa l-mizuri li kien ha l-istess Kunsill Lokali sabiex itejjeb il-pozizzjoni finanzjarja tieghu kienu qieghdin jaghtu rizultati pozitivi.
Wara diskussjoni qasira dwar il-materja, fuq proposta tas-Sur Stanley Zammit issekondata mis-Sa. Leanne Grech, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-balance sheets hekk kif proposti.

03/04/02 L-Agent Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kopja tar-rapport ta' kull kwart ghall-perjodu Ottubru 2014-Dicembru 2014. Is-Sur Hall imbaghad ghadda sabiex jaghti spjegazzjoni dettaljata tal-infiq u d-dhul tal-Kunsill Lokali matul il-perjodu kkoncernat.
Fuq proposta tas-Sur Kevin Barun, issekondat mis-Sur Joseph Baldacchino, il-Kunsill Lokali unanimanent approva r-rapport ta' kull kwart hekk kif propost.

03/04/03 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informal ill-Kunsilliera illi l-publikazzjoni (magazine) tal-Kunsill Lokali kien sewa €1238.51. B'konnessjoni mal-istess publikazzjoni, il-Kunsill Lokali kien dahhal €835 f'riklami. B'hekk il-Kunsill Lokali kien hareg is-somma ta' €403.51 sabiex tigi ppublikata u mqassma edizzjoni ohra tal-magazine tal-Kunsill Lokali.

03/04/05 Is-Sur Stanley Zammit qal illi xtaq jaghmel diskors zghir fl-okkazjoni tal-ewwel intevent tieghu bhala kunsillier elett fis-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga. Id-diskors kien is-segwenti:
"Niehu din l-okazzjoni sabiex ninghaqad mas-Sindku li fid-diskors tieghu irringrazzja lil ex-Sindku u lil ex-Kunsilliera.
Naqbel mal-proposta li ssir irhama li tirrokonoxxi z-zmien li ghamel bhala Sindku s-Sur Joseph Farrugia u l-hidma kbira tieghu b'rizq Birzebbuga.

Mhux biss, ma ghandi l-ebda dubbju li l-ex-Sindku flimkien mad-diversi teams ta' Kunsilliera hatfu, fl-abiltajiet u l-kapacitajiet taghhom, l-okkazzjonijiet kbar li l-Kunsilli Lokali, fejn id-decizzjonijiet jittiehdu l-eqreb possibli lejn min l-aktar ser ikun affetwat, offrew ghal gid tal-lokalita' taghna.

Il-Kunsill Lokali ta' Birzebbuga f'dawn l-ahhar 21 sena, grazzi ghar-Rikky u t-timijiet varji li mexxa bidel l-istatura u wicc Birzebbuga. Din hija l-istorja ricenti ta' rahalna – ma kienetx perfetta imma ma kellha hafna tajjeb u kellha hafna sabih.

Ghalhekk nipproponi illi, anke ghal beneficcju taz-zaghzagh li ma jafux ghajr il-lokalita' bil-Kunsilli, kemm waqt Jum Birzebbuga kif ukoll f'pubblikazzjonijiet specifici, jintwera, bicca bicca, x'sar taht is-Sindakat tas-Sur Farruga. Konsegwentament nipproponi li l-Kunsill jikkomisjona l-pubblikazzjoni ta' din il-parti tal-istorja, bhala parti mill-ktieb li qed jigi preparat mill-Ghaqda Storja u Kultura.

Nissugerixxi ukoll illi tinstab zona zghira, jista' jkun qrib Gnien il-Kunsill, dejjem wara konsultazzjoni mar-residenti, fejn jissemmew toroq b'unur lejn is-Sindki u Kunsilliera, passati u prezenti.

Personalment, imma anke f'isem il-Kumitat Sezzjonali Partit Nazzjonalista Birzebbuga, li tieghu jiena President, nirringrazzja lis-Sur Farruga, jekk xejn, talli dejjem sema' u stma, b'irgulija u gentlomerija kbira, lili u lil Kunsilliera kollha, inkluz dawk f'isem il-Partit Nazzjonalista, bla ebda distinzjoni.

Daqstant iehor, f'ismi u f'isem l-istess Kumitat, nawgura kull success lis-Sindku, s-Sur Kevin Barun, lil Vici-Sindku, s-Sur Joe Cutajar u lil Kunsilliera shabi, hidma fejjieda b'rizq Birzebbuga.

03/04/06 Is-Sur Stanley Zammit qal illi kien jaqbel hafna mal-ideja tas-Sindku li jalloka deroga ghall-widien. Huwa zied jghid illi kien ikun ghaqli li waqt ma niqfux inkunu vigilanti u vocifori dwar l-issues ambjentali fuq in-naha marittima ta' Birzebbuga, ghandna nzidu l-attenzjoni fuq l-inhawi rurali, nkluz il-widien. Ghal dan il-ghan, huwa kien qieghed jissuggerixxi illi :

i. Li jintuzaw dawn il-jiem u s-sajf sabiex jitndafu dawn il-postijiet minn skart goff u haxix u jekk hemm bzonn tintalab l-ghajnuna tad-Dipartiment ikkoncernat kif konna naghmlu fil-passat, Ezempju iehor huwa t-triq ta' fuq Ghar Hasan – jekk jinzamm nadif u jitrangaw il-hitan tas-sejjiegh, bankijiet etc. ikollna belle vedere sabih hafna.
ii. Jithejja programm ghax-xitwa ta' mixjiet f'dawn l-inhawi li jkun jinkludi kummentarju storiku-socjali (ez. Ismijiet taz-zoni, familji u laqmijiet) u jekk inhu possibli botaniku. Jekk tinhass il-htiega ghandha tintallab l-ghajnuna tal-Ghaqda Storja u Kultura. Permezz ta' dawn il-mixijiet nippromwovu l-identita' ta' Birzebbuga kif ukoll divertiment alternattiv u mhux "pre-packed".

Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-proposta li kien ressaq is-Sur Zammit kellha tittiehed in-kunsiderazzjoni u tigi diskussa f'aktar dettall.

03/04/07 Is-Sur Stanley Zammit qal illi l-Klabb Regatta Birzebbuga ghamlu talba li jsir out door gym baziku hdejn il-klabb taghhom fejn ikunu jistghu jaghmlu ez. pull-ups etc. Is-sur Zammit zied jghid illi seta' jintuza l-materjal baziku (pajpijiet) li kien hemm fl-iskate park.
Kien hemm qbil illi l-proposta tas-Sur Zammit kellha tigi evalwata f'aktar dettall.

03/04/08 Is-Sur Stanley Zammit qal illi triq il-Haddiema u triq il-Musbieh kienu zewg toroq residenzjali mill-aktar li huma fi stat hazin u kien hemm bzonn intervent immedjat, anke jekk temporanju.

03/04/09 Is-Sur Stanley Zammit qal illi kellu hafna kummenti dwar ix-xoghol tajjeb li qed jaghmel il-kennies. Is-Sur Zammit zied jghid illi nota zghira minn naha tal-Kunsill ma taghmilx hsara.
Wara diksussjoni qasira kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta tas-Sur Zammit.

03/04/10 Is-Sur Stanley Zammit qal illi ghall-informazzjoni tal-Kamrakien qieghed jghaddi lista ta'xogholijiet l-progetti/xogholijiet pendenti u diga approvati mil-legislatura precedenti:

- Lampa fuq arblu quddiem Ferretti
- Lampa fi sqaq fi Triq l-Ghannejja
- Speed cushion fi Triq Herakles
- Zebra crossing fi Triq Birzebbuga
- Zebra crossings f'Dawret il-Qalb Imqaddsa
- Zebra crossings hdejn il-Knisja
- Mini round about fi triq San Gwann
- Traffic island fi Triq il-Port Hieles
- Funtana Gnien Indipendenza
- Security Cameras
- One-way system hdejn il-Ferretti
- Dawl tax-Xatt
- Parkegg hdejn il-pitch tal-waterpolo

03/04/11 Is-Sur Stanley Zammit staqsa jekk kienx hemm xi risposta dwar it-talba lil awtoritajiet ikkoncernati sabiex il-parkegg f'tal-Gass fejn kienu jipparkjaw it-trakkijiet ta' Ghawdex tigi klerjata u tigi devoluta bhala parkegg ghad-dghajjes ghax-xitwa u ghal karrijiet u karozzi fis-sajf (simili ghal dak ta' San Gorg). Ukoll, jekk dan il-parkegg jigi devolut lil Kunsill, parti minnu tkunx tista' tintuza fix-xitwa ghall-parkegg tal-caravans.
L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-kunsill Lokali illi ma kienet waslet ebda komunikazzjoni fir-rigward.

03/04/12 Is-Sur Stanley Zammit qal illi xtaq jifrah lis-Sur Joe Cutajar ghaliex mill-kummenti li diga kellu minnghand il-haddiema, jidher li bdejna fuq sieq tajba. Biss huwa mportanti li l-process ikun streamlined hafna ahjar. Is-Sur Zammit naqbel mal-policy tas-Sindku li Kunsillier ma ghandux ikollu "l-haddiema tieghu". Huwa zied jghid illi dejjem imxejt ma din il-policy u kull xoghol li sar, jekk mhux f'kaz ta' urgenza liema bhala, dejjem tlabtu permezz ta' e-mail lis-Segreterija u s-Segreterija tikkordina flimkien mas-Sindku. Hekk ikun hemm priority list wahda.
Ghalhekk jekk inzommu mal-laqgha li saret mal-haddiema fejn ix-xoghol jitqassam mill-Agent Segretarju Ezekuttiv u/jew mis-Sindku kuljum fil-11am ghall-ghada u s-Sur Cutajar jibqa jaghmel ix-xoghol ta' supervizzjoni nahseb li ghandna mmexxu.

Ukoll, biex il-Kunsill ikun aktar effettivi, kull gimgha ta' kull team ta' haddiema tkun maqsuma bejn "pre-planned works", ez. 3 ijiem f'gimgha, u "urgent or miscellaneous jobs or chores" il-kumplament. Dan sabiex min ikun beda jahdem fuq progett, ez. zebgha triq, li jaf jiehu aktar minn gurnata wahda, ma jkollux joqghod jitwaqqaf ghal xi bicca xoghol ta' siegha jew saghtejn.

03/04/13 Is-Sur Stanley Zammit qal illi kif kien diga' semma f'seduti precedenti, instabu numru ta' lampi irregolari. Waqt li mexjin bil-process li nirregolarizzaw zewg lampi

fi Sqaq ta' Salvun in-naha ta' Triq tal-Gebel, issa ghandna l-informazzjoni dwar il-possibiltajiet sabiex nirregolarizzaw 3 lampi fi Triq il-Brolli in-naha ta' Sansanja. Ghandna tliet possibiltajiet: jew inwasslu l-linji bi spiza ta' '1 fuq minn €2500, jew nitilghu bi 3-4 lampi bi spiza ta' bejn €600-800, jew il-lampi jibqghu mitfija.

Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-Kunsill Lokali kellu jibda' jinstalla l-lampi b'mod gradwali sabiex l-ispiza tigi assorbita fuq numru ta' xhur.

03/04/14 Is-Sur Stanley Zammit qal illi fit-22 ta' April 2015, il-Kunsill Lokali kien ircieva notifika (ukoll ippublikata fil-gazzetti) dwar PA/01218/15 Renewal of PA 4819/07: "To extend existing Terminal 1 West Quay, dredge fairway and berth of quay, reclaim behind the new quay wall with quarry run material and pave areas for container storage" as per approved minor amendment drawings dated August 2013" mill-Malta Freeport Terminals Ltd. u xtaq isaqsi lill-Kunsill Lokali x'kienet il-pozizzjoni fil-konfront tal-izvilupp propost.
Kien hemm diskussjoni libera li matulha gew diskussi d-dettalji tal-izvilupp li kien qieghed jigi propost li jsir. Finalment intlehaq qbil illi l-materja kellha tigi diskussa f'aktar dettal. Ġie deċiż illi l-Kunsill Lokali kien diġa ressaq l-oġġezzjoni tiegħu.

**Aggornament**

Is-Seduta spiccat fit-9:30p.m. minghajr wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata għal nhar it-Tlieta 16 ta' Gunju 2015 fis-6:00p.m

**Kevin Barun**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**A/Segretarju Ezekuttiv**

Data: 16/6/2015